**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SITTAX**

**14 ta' SETTEMBRU, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Kevin Sam Farrugia.

**SKUŻATI**

Il-membru Marylin Sammut infurmat lill-Kumitat li tinsab imsiefra.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IĊ-Chairperson Pierre Farrugia presieda l-laqgħa.

**16.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

16.1.1 B'referenza għall-ilment li joqgħod l-ilma fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia, ċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv għadu ma irċieva xejn mingħand il-Perit.

F'dan il-punt minħabba li l-Kumitat għadu ma rċieva xejn, il-Kumitat iddeċieda li jitkellem mal-kuntrattur li għandu t-tender mal-Kunsill u jara x'jista jsir biex il-każ jiġi riżolt.

16.1.2 Fir-rigward ta' punt 15.1.2 fir-rigward tax-xelter f'Misraħ Santa Marija, ċ-Chairperson qal li s'issa għad ma kienx hemm żvilupp.

16.1.3 Fir-rigward ta' punt 15.2.2 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-bozza ġdida fi Triq Zakkarija Ronkali twaħħlet u issa jonqos lill-Enemalta biex tissupplixxi d-dawl.

16.1.4 Fir-rigward ta' punt 15.2.3 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-materjal tal-ktieb tas-Sur J Buhagiar B.Ed.Hons, qed jiġi skenjat minnu stess qabel ma jkun editjat minn persuni professjonali.

16.1.5 Fir-rigward ta' punt 15.2.6 il-membru Joseph D'Amato qal li qed jidħlu ħafna lmenti li fi Triq il-Luq, meta jkun hemm vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq, vetturi oħra li jgħaddu mit-triq qed iħokku u jagħmlu ħsara lill-vetturi pparkjati. Hu ssuġġerixxa li jinġieb permess minn Transport Malta biex man-naħa tat-triq fejn hemm ammont kbir ta' garaxxijiet tiġi kollha *no parking*. Kien hemm qbil fuq dan.

16.1.6 Ġew approvati l-minuti tal-ħmistax -il seduta ta' din il-leġislatura.

***16.2 Ilmenti u suġġerimenti***

16.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal Triq Gio Batta Riccio tlestiet mix-xogħol ta' wiċċ ġdid u l-bdiewa apprezzaw ħafna.
Il-membru Joseph D'Amato kkonferma dan kollu.

***16.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

16.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18.30 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 19ta' Ottubru, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**